# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francis Callus**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Francis Callus**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 105669M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fil-15 ta' Settembru 2013 għall-ħabta tat-08:15 waqt li kien fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, s-Siġġiewi :

(a) inġurja u hedded lil PS546 Deguara, PC254 Cutajar u WPC67 Borg li huma persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni tas-servizz tagħhom;

(b) talli naqas milli jobdi ordinijiet leġittimi ta' awtorita jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz publiku;

(c) talli kiser il-bonordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ jirriżulta li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma milquta mill-preskrizzjoni trimestrali in kwantu miċ-ċertifikat tan-notifika eżibit a fol 23 jirriżulta li l-imputat ġie notifikat nhar it-22 ta' Frar 2014. B'hekk l-azzjoni penali fir-rigward ta' dawn iż-żewġt imputazzjonijiet sejra tiġi dikjarata estinta.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni pero, jirriżulta li mill-affidavits li ġew prodotti mill-Aġenti tal-Pulizija involuti jirriżulta s-segwenti : -

1. PS546 jgħid li l-imputat kien arroganti peress li dan ried illi t-tractor jibqa' għaddej fid-direzzjoni li kien qabad u qallhom ukoll li l-Pulizija kienu qabżuhielu. Jgħid ukoll li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija u saħansitra meta l-Pulizija wissieħ li kien sejjer iħarku, l-imputat skuża ruħu mal-Pulizija.
2. PC254 jgħid ukoll li l-imputat kien arroganti mal-Pulizija meta huwa ried li dan it-tractor jibqa' għaddej isuq u dan ix-xhud ħass li l-imputat kien qiegħed itellef lill-Pulizija mill-qadi ta' dmirijiethom. Jgħid li l-imputat kompla jinsisti mal-Pulizija li kien sejjer iżommhom responsabbli personali għad-danni jekk l-attivita'

li kellu f'Ħal Safi (kienet ser tisfaxxa). Itenni wkoll li l-imputat qallhom li qabżuhielu.

3. WPC 67 ukoll tixhed li l-imputat kien arroganti fil-mod kif kellem lill-Pulizija u ried li jħalli lit-tractor jibqa' għaddej fid-direzzjoni tiegħu minkejja li kien qiegħed jagħmel ħsara lit-triq. Jirriżulta wkoll li l-imputat qallhom li qabżuhielu. Pero meta konfrontat bil-fatt li kienu sejrin jinħarġu akkużi kontrih l-imputat stqarr li kien żbalja meta huwa kien ta' ordni lil Aquilina biex ma jobdix l-ordnijiet tal-Pulizija.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti tqis li dak mistqarr mix-xiehda fil-konfront tal-aġir tal-imputat, kien jintegra r-reat kontravvenzjonali fit-tieni imputazzjoni, iżda ma jistax jitqies li jintegra wkoll l-ewwel waħda. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali huwa ta' dak li : -

> **95.** Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il- persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl- esekuzzjoni ta' dak is-servizz...

Issa f'dan il-każ bil-kliem mistqarr mill-Pulizija, bil-fatt li l-imputat kien arroganti fi kliemu biss – mingħajr ma jiġi speċifikat xi kliem qal li bih inġurja jew hedded lil Pulizija – mhux biżżejjed biex jintegra dan ir-reat. Jidher li kien aktar verosimili li l-aġir tal-imputat jitqies li kien imur kontra d-dmir tiegħu li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija aktar milli li huwa inġurja jew hedded lil xi Aġent tal-Pulizija li xehed. Din il-prova ta' inġurja jew theddid hija nieqsa.

***Decide***

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu in kwantu l-azzjoni fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni hija estinta minħabba d-dekors tal-preskrizzjoni trimestrali u kwantu għall-ewwel imputazzjoni in kwantu l-fatti mistqarra mix-xhieda ma jintegrawx ir-reat de quo u għalhekk il-Qorti qegħda tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum it-13 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***